MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 248/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Cauchi**

**Illum 25 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghall-perjodu ta' bejn l-4 ta' Jannar, 2009 sat-30 ta' Jannar, 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Emanuela Cauchi u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2009, li biha, wara

li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati w ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tibdel, tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi thassaraha w tirrevokaha in kwantu l-piena li giet inflitta w minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill-bqija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha hawn fuq deskritti tal-appellant u stante li d-detenzjoni tista' tkun ta' detriment ghal sahhet l-appellant.

Ikkunsidrat :

Illi l-appellant qieghed jintavola dan l-appell esklussivament fuq il-piena, peress ghal dak li jirrigwarda l-meritu huwa minnu illi ma hallasx il-manteniment lill-martu fiz-zmien indikat. Jghid pero', illi stante c-cirkostanzi finanzjarji xejn felici illi kien jinsab fihom ma jistax u mhuwiex f'sitwazzjoni illi jhallas il-manteniment.

Fis-sottomissjonijiet tieghu l-Avukat tal-appellant spjega illi l-appellant kien ordnat ihallas il-manteniment fl-2005 meta, dak iz-zmien, kien jahdem bhala driver mal-Enemalta fejn kien jaghmel hafna overtime. Wara li l-Korporazzjoni giet privatizzata nqata' l-overtime u l-paga tieghu baqghet dik bazika, izda xorta kien tenut ihallas manteniment fuq ir-rata gholja li kien jaqla qabel. Wara xi zmien dahal f'dipressjoni qawwija li kompla aggravat is-sitwazzjoni. Beda proceduri civili sabiex ibiddel id-digriet tal-manteniment izda digriet finali ghad m'ghandhux. Ghandu diversi kundanni fil-konfront tieghu u serva perjodu ta' detenzjonijiet gol-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Jghix f’ambjent mikri ma’ bintu li hija “single mother” u ghandu problema bid-dar matrimonjali li ma tistax tinbiegh minghajr il-kunsens tal-parti civili, l-mara tieghu li qeghda tostakula l-ftehim nonostante illi huwa l-unika mod kif tista’ tithallas l-arretrati, peress illi dawn jistghu jitnaqqsu mir-rikavat.

Jidher illi l-partijiet dahlu f’pika, w l-appellant mhuwiex qed jinghata nifs peress illi kull xahar qed isir rapport lill-Pulizija w l-appellant qed ikollu jiffaccja perjodi ta’ detenzjonijiet wiehed wara l-iehor.

Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant qal li din is-sitwazzjoni giet spjegata lill-Magistrat fis-seduta tal-5 t’Ottubru 2009, izda minkejja dan, ma giex akkordat zmien sabiex jaghmel xi arrangamenti ghall-hlas tal-arretrati u ghaddiet biex tikkundannah ghal gimghatejn detenzjoni.

L-Avukat Generali minn naha l-ohra argumenta illi darba jkun hemm digriet ta’ manteniment dana irid jigi obdut.

Mhuwiex il-kompitu ta’ din il-Qorti illi tissindika tali digriet u r-ragunijiet warajh.

Digriet validament moghti jrid jigi osservat sakemm ma jigix mibdul jew varjat mill-Qorti kompetenti.

Ikkunsidrat :

Jidher illi huwa minnu illi l-appellant qieghed f’sitwazzjoni finanzjarja prekarja.  Madankollu mhuwiex qieghed jaghmel l-almu tieghu biex johrog minn din is-sitwazzjoni u jipprova jnaqqas l-arretrati tal-manteniment illi ghandu favur il-mara tieghu.

Din il-Qorti mhijiex qeghda tiddubita s-sitwazzjoni gravi li fiha jinstab l-appellant, pero’ tirrealizza wkoll li din is-sitwazzjoni gabha b’idejh meta huwa beda ma jhallasx il-manteniment nonostante d-digrieti li kien hemm kontra tieghu.  Jekk l-appellant ma jistax ihallas skond id-digriet, m’ghandux triq ohra hlief li jaddixxi lill-Qorti Sezzjoni Familja sabiex dak id-digriet jigi varjat jew mibdul.

Jidher illi hekk ghamel, pero ghad m'hemmx digriet, f'liema kaz allura, d-digriet originali jibqa' fis-sehh ammonti originali jridu jithallsu.

Din il-Qorti taghmilha cara illi l-ordnijiet validament moghtija mill-Qorti tal-Familja jibqghu validi sakemm ma jigux espressament revokati jew altimenti mibdula mill-istess Qorti.  Mill-bqija jidher illi ma ntqal xejn gdid quddiem il-Qorti tal-Appell illi ma ntqalx ukoll quddiem l-Ewwel Qorti, liema Qorti wiznet il-provi w l-argumenti li ngibu quddiemha w ghaddiet ghad-decizzjoni taghha, liema decizzjoni f'dan l-istadju hija insindikabbli ladarba rrizulta illi mill-provi li kellha quddiemha, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------